**STQARRIJA MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IL-KUNSILL EWROPEW STRAORDINAJRU LI LTAQA' L-ĦAMIS, 23 TA' APRIL 2015**

Sur President,

Nixtieq nirringrazzjak talli lqajt it-talba li saret separatament kemm min-naħa tal-Gvern kif ukoll tal-Oppożizzjoni biex dan il-Parlament, f'din il-binja li donnha trid tibqa' sservi lill-poplu sal-aħħar nifs, biex niddiskutu l-kriżi umanitarja li għaddejja bħalissa fil-Mediterran.

Għalhekk qed nieħu l-opportunità biex nirrapporta lil din il-Kamra dwar ix-xogħol li sar waqt il-Kunsill Ewropew Straordinarju li ltaqa' lbieraħ, il-Ħamis 23 ta' April, u li l-istqarrija maqbula fi tmiemu qed inpoġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra.

Dan il-Kunsill ttella' fis-sfond ta' traġedja oħra fil-Mediterran, fejn jidher li tilfu ħajjithom 'l fuq minn 900 persuna wara li, ftit jiem qabel, kienu tilfu ħajjithom mal-400 persuna oħra. Fl-istess jum irrid infakkar li ħarġet l-aħbar li fil-Libja ġew dekapitati 28 Eritrej Kristjani.

Għaldaqstant, dan il-Kunsill Ewropew kellu quddiemu tema waħda speċifika, l-immigrazzjoni illegali u x'għandha tagħmel l-Unjoni Ewropea biex il-Mediterran ma jibqax ikun iċ-ċimiterju li huwa llum.

Il-Ħadd tkellimt ma' numru ta' mexxejja Ewropej u t-Tnejn li għadda mort Ruma fejn iltqajt mal-Prim Ministru Taljan, Matteo Renzi, li f'din il-kwistjoni huwa alleat formidabbli. Flimkien, tkellimna ma' aktar mexxejja u t-Tnejn stess kien hemm kunsens li jiltaqa' dan il-Kunsill Ewropew.

Irrid ngħid li naf li l-Kap tal-Oppożizzjoni għamel din is-sejħa hu wkoll. Jien mhux se noqgħod nilgħab il-logħba politika ta' min qalha, jew għamilha, l-ewwel. Nirrimarka li nieħu pjaċir li fuq din il-kwistjoni iżda konna u jidher li għadna fuq l-istess linja ta' ħsieb.

Is-Summit intemm b'dak li stennejna. Kontinwazzjoni tal-pjan u l-ideat li diġà kienu qed jiġu imbuttati 'l quddiem. L-eċċezzjoni sinifikanti hija waħda. Is-Summit ta sinjal politiku ċar u qawwi li l-Ewropa hija lesta li tieħu azzjoni immedjata kontra r-*racket* kriminali li qed tmexxi l-vjaġġi tal-immigrazzjoni u li qed tapprofitta ruħha mis-sitwazzjoni. Dan minbarra li qed jiġu ttriplati r-riżorsi tal-operazzjoni Triton, li issa jersqu qrib dawk tal-operazzjoni Mare Nostrum.

**Passi kontra l-kriminali**

Il-qbil li ntlaħaq jistipula li l-Unjoni Ewropea se tagħti s-sehem kollu tagħha biex tiddistruġġi n-*networks* ta' kriminalità, b'rispett lejn il-liġi internazzjonali. Dan se jsir billi l-ħidma tal-kriminali tkun imxekkla bir-riżorsi kollha, f'koperazzjoni mal-EUROPOL, Frontex, l-EASO u l-EUROJUST kif ukoll mal-pulizija f'pajjiżi terzi, biex dawn jitressqu quddiem il-ġustizzja.

Punt ieħor li ġie maqbul huwa li jiġu attakkati dawn id-dgħajjes li qed jużaw biex jagħmlu qligħ minn fuq il-ħajja tan-nies.

Kollha kemm aħna nafu li s-soluzzjoni *long term* hija żvilupp fl-Afrika. Iżda *short term* hemm bżonn li jintbagħat sinjal ċar lit-traffikanti li "*the game has changed*". Din hija l-ewwel darba li l-Unjoni Ewropea qed tkun proattiva kontra t-traffikanti, bl-istess spirtu li hija proattiva kontra l-piraterija barra l-kosta tas-Somalja.

Ħa nagħmilha ċara li ħadd ma huwa qed jadvoka xi invażjoni tal-Libja. L-għan huma operazzjonijiet immirati kontra t-traffikanti.

Hemm żewġ toroq preferuti biex dan isir. L-ewwel hija li jkun hemm Gvern ta' unità, jew kważi unità, nazzjonali fil-Libja li jitlob l-għajnuna sabiex tiġi kontrollata infrastruttura strateġika u konfini.

Il-Ġnus Magħquda qed taħdem għal dan il-għan.

It-tieni hija riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Gnus Magħquda. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea l-ġimgħa d-dieħla se tibda taħdidiet mall-pajjiżi mhux Ewropej, membri permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà, biex tigi esplorata din il-possibiltà.

Għalija, li sempliċiment qed niddiskutu li nikkumbattu dan in-*network* kriminali b'mod inekwivoku, huwa kruċjali u aħbar importanti ħafna li ċert li diġà qed jinkwieta lill-kriminali.

Biex inkunu ċari. Dgħajsa bħal dik li għerqet nhar il-Sibt li għadda tkun daħħlet fil-but tat-traffikanti bejn €1 miljun u €5 miljun. Dan minn vjaġġ wieħed.

Kieku dawn il-persuni jinsabu fl-Ewropa, ikunu qed jiffaċċjaw snin twal ta' ħabs. Issa qed jindunaw li l-Ewropa mhux se tħallihom ikomplu jdaħħlu l-flus minn fuq l-innoċenti kif qed jagħmlu llum.

Ovvjament, qatt ma tista' tkisser biżżejjed dgħajjes. Iżda huwa kruċjali li kien hemm dan il-kambjament fl-atteġġjament Ewropew.

Hemm il-ħsieb ukoll li jiġi indirizzat il-kontenut *online* li jintuża mit-traffikanti tal-bnedmin u li permezz tiegħu jattiraw lil dawn il-persuni biex jagħmlu kuntatt magħhom. F'dan il-każ, il-EUROPOL għandha tieħu r-rwol prinċipali.

**Bidla fl-attitudni**

Malta ilha tisħaq fuq il-punt li l-isfida tal-immigrazzjoni - din il-problema umanitarja bla preċedent - mhijiex sfida ta' ftit pajjiżi fin-naħa t'isfel tal-Ewropa. F'dan is-summit, pajjiżna reġa insista li din hija sfida Ewropea li trid tiġi indirizzata bl-istess mod kif ġew indirizzati

problemi f'żoni oħra tal-Ewropa. Għaliex jekk l-Ewropa tibda turi l-istess impenn, bħalma wriet lejn il-bżonnijiet ta' fruntieri oħra, ikun diġà – fil-fehma tiegħi – sar pass importanti.

Nemmen li t-traġedja ta' tmiem il-ġimgħa li għaddiet bdiet tbiddel l-affarijiet fl-Ewropa. Vera, ma kellhiex għalfejn tkun traġedja oħra biex naslu s'hawn. Imma, iva, jinħass sew li l-imwiet ta' kważi 900 persuna, li segwew l-imwiet ta' 400 persuna oħra ftit jiem biss qabel, missew il-kuxjenza kollettiva tal-Ewropa. Tensjonijiet u pressjonijiet dwar il-migrazzjoni jeżistu f'kull pajjiż u f'kull soċjetà imma l-avvenimenti tal-aħħar ġranet kienu xhieda ta' kif l-affarijiet jistgħu jinbidlu.

Kien ta' kuraġġ li, fid-diskussjonijiet ta' lbieraħ, ma nħassitx id-diviżjoni bejn in-naħa ta' fuq u n-naħa t'isfel tal-Ewropa. Kien evidenti s-sens ġdid ta' realizzazzjoni li l-isfida ta' quddiemna hija waħda ta' kriżi umanitarja u li kulħadd, kulħadd, irid iżid il-kontribut tiegħu.

Dan biżejjed? Le. Qatt mhu se jkun biżejjed. Imma twassal sinjal, l-ewwel nett l-ittriplar tar-riżorsi tal-operazzjoni Triton li hija aħbar tajba. Apparti minn hekk ġie maqbul li għandhom ukoll jiġu msaħħa l-assi Ewropej madwar il-baħar Mediterran. Dan bl-iskop li jiżdiedu b'mod qawwi l-kapaċitajiet ta' salvtaġġ ta' Frontex.

Tajjeb li nirrimarka li t-*terms of engagement* ta' Triton ma nbidlux.

**Summit dwar il-migrazzjoni f'Malta**

Żvilupp ieħor importanti ta' dan il-Kunsill Ewropew kienet id-deċiżjoni li l-Unjoni Ewropea torganizza Summit speċjali dwar il-migrazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Afrikana u numru ta' pajjiżi importanti li qed jiġu identifikati bħala s-sors tal-problema. B'sodisfazzjon ngħid li ntlaħaq qbil immedjat li dan is-summit isir f'Malta iktar tard din is-sena.

Din se tkun okkażjoni bla preċedent fejn se jkollna l-mexxejja ta' aktar minn 50 pajjiz, minn fejn jitilqu, minn fejn jgħaddu, fejn jaslu u fejn imorru l-immigranti, li se jiltaqgħu flimkien għal strateġija fit-tul.

Din hija l-vokazzjoni li qed naqdu mill-ġdid. Li nkunu pont ta' djalogu bejn l-irwieħ differenti ta' dan il-fenomenu.

Qegħdin bħala pajjiż nerġgħu nqumu għall-okkazzjoni.

Mill-bieraħ filgħaxija stess beda kordinament mall-Kummissjoni Ewropea biex is-Summit ta' Malta jkun simbolu u punt minn fejn inħarsu lejn il-futur. Mhux se nsolvu l-problemi kollha, iżda tal-inqas għall-ewwel darba se niġbru lil kulħadd flimkien biex niddiskutu dan il-fenomenu.

Din hija l-Malta li hija dawl ta' tama fil-Mediterran.  Din hija l-Malta li ħadmu għaliha Dom Mintoff u Guido Demarco. Din hija l-Malta li jien kburi li qed tiġi rikonoxxuta mill-Ewropa llum.

Mhux il-ħsieb li għal dan id-dibattitu naraw biss mexxejja u istituzzjonijiet formali. Is-sehem tal-għaqdiet nongovernattivi u s-soċjeta ċivili se jkun ukoll kruċjali biex nilħqu l-għanijiet li l-Kunsill Ewropew kellu f'moħħu meta assenja lil Malta b'din ir-responsabbilita.

**Prevenzjoni tal-immigrazzjoni illegali lejn l-Ewropa**

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta b'mod iddettaljat metodi ta' kif jista' jiġi evitat id-dħul lejn l-Unjoni Ewropea minn persuni li m'għandhomx dritt għall-ażil jew għal protezzjoni umanitarja.

F'dan ir-rigward naqbel mad-diskors li għamel il-predeċessur tiegħi, Lawrence Gonzi, meta ftit jiem ilu indirizza laqgħa dwar din it-tema fil-Parlament Ewropew, li għandna nagħmlu distinzzjoni bejn dawk in-nies li qegħdin jaħarbu mill-persekuzzjoni u għaldaqstant, għandhom bżonn il-protezzjoni, u dawk li huma immigranti ekonomiċi fit-tfittxija ta' ħajja aħjar.

Għalhekk il-Kunsill Ewropew qabel li għandu jiżdied l-appoġġ lill-pajjiżi terzi bħat-Tuneżija, l-Eġittu, is-Sudan, il-Mali u n-Niġer, biex jiġu mħarsa u kkontrollatti l-fruntieri li huma r-rotta li minnhom jgħaddu mijiet ta' eluf ta' persuni biex fl-aħħar nett jaqbdu dawn il-vjaġġi perikolużi fil-Mediterran. Dan għandu jsir f'djalogu kontinwu mal-Unjoni Afrikana f'kull livell.

L-informazzjoni dwar ir-rotot migratorji għadha mhix b'saħħitha biżejjed. Għalhekk, ġie maqbul li għandhom jintbagħtu uffiċjali Ewropej għall-immigrazzjoni f'pajjiżi strateġiċi biex jikkoperaw mal-awtoritajiet lokali f'dawn il-pajjiżi.  Fl-istess waqt għandhom jiġu mħarrġa l-uffiċjali f'dawn il-pajjizi kemm fuq materji li jirrigwardjaw il-kontroll tal-frutnieri, iżda wkoll fuq xogħol ta' salvataġġ fil-baħar.

Il-Kummissjoni Ewropea ġiet mitluba wkoll biex tniedi programmi mmirati għall-iżvilupp u protezzjoni reġjonali fl-Afrika ta' fuq u fil-pajjiżi Afrikani li minnhom qed joriġinaw numru kbir ta' persuni.

**Solidarjetà Interna fl-Unjoni Ewropea**

Kien hemm qbil ċar fil-Kunsill Ewropew dwar programm ta' solidarjetà, fejn jiġu *resettled* persuni li jkunu barra l-Unjoni Ewropea li jikkwalifikaw għall-ażil jew għal protezzjoni umanitarja madwar l-Unjoni Ewropea kollha. Ġie maqbul ukoll, li għandha tiżdied l-għajnuna ta' emerġenza lill-pajjiżi bħal Malta fil-fruntiera tal-Unjoni Ewropea u li għandu jiġi organizzat b'mod effettiv ir-rilokazzjoni f'emerġenza bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Għandha tiżdied l-għajnuna lill-pajjiżi fil-frutiera Ewropea biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet għall-ażil. Ġiet maqbula wkoll il-proposta biex, f'każ ta' bżonn, l-Unjoni Ewropea stess tibgħat uffiċjali tagħha fil-pajjiżi li jkollhom bżonn l-għajnuna.

Il-President tal-Parlament Ewropew innifsu, għażel lill-pajjiżna bħala eżempju biex juri kif pajjiż wieħed waħdu ma jistgħax jerfa' l-piż kollu hu.

**Konklużjoni**

Fil-bidu tal-Kunsill Ewropew, flimkien ma' Matteo Renzi, intlabt biex ngħid minn xiex għaddejjin. Għidt li filwaqt illi fil-Lvant nafu min huma l-awtoritajiet, nafu ma' min għandna nitkellmu, f'dan il-każ qed niffaccjaw *networks* kriminali.

Propju għaliex is-sitwazzjoni hija ferm iktar diffiċli, l-Ewropa għandha tinghaqad u, b'sens ta' solidarjetà konkreta u mhux ippriedkata, timxi bl-urġenza u bil-fatti li mxiet bihom meta kellna kriżi finanzjarja. L-unika differenza hija li llum, minflok fuq il-flus, qed nitkellmu fuq il-ħajja u l-umanità. Qed nitkellmu fuq li nkunu sodi mal-kriminali, għall-ewwel darba.

Tajjeb li jsiru diskussjonijiet legali imma dawn m'għandhomx jintużaw biex l-awtoritajiet jibqgħu jkaxkru saqajhom. Konvint li l-Ewropa se tkun iġġudikata b'mod drammatiku jekk ma tiħux azzjoni llum qabel għada.

Nieħu din l-opportunità biex insellem lill-membri kollha tal-Forzi Armati tagħna. Bl-użu komplet tal-mezzi li għandna bħala pajjiż, f'kordinament mal-awtoritajiet Taljani, qed jgħinu kemm jistgħu fl-operazzjonijiet ta' salvataġġ biex isalvaw il-ħajjiet. L-istat u l-poplu Malti huma grati lejn ix-xogħol erojku tagħhom li nissel u ġibed ukoll ammirazzjoni ta' Gvernijiet u popli madwar id-dinja.

Nixtieq intemm billi nagħmel referenza għaċ-ċerimonja interfidi li saret ilbieraħ f'pajjiżna għall-vittmi tal-istraġi ta' nhar is-Sibt li għadda. Kienu bosta l-mexxejja li apprezzaw dak li għamilna.

Irrid nghid li personalment insistejt li għandha tkun ċerimonja sempliċi fejn ma jitkellmux politiċi. Ċerimonja li twassal l-essenza tas-sens patrijottiku Maltin li kapaċi ningħaqdu meta veru jgħodd.

Dan is-sens intlaħaq. Dak l-iskop intlaħaq. L-Ewropa ratna. Id-dinja ammiratna.

Illum, aktar minn qatt qabel, nistqarr li jien kburi li jien Malti!